MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1040/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**VS**
**TARCISIO BARBARA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tarcisio Barbara ta' 46 sena, iben Vincent u Guza nee' Curmi, imwieled Zejtun, fit-16 ta' Jannar 1958, residenti f'Rio', Triq Sant'Anglu, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Indentita' bin-numru 130758(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Awissu 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmieniijet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifi foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi Lm1,000 ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u diversi persuni ohra. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3) Bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, kemm ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x’jaqsam ma’ l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

I. xjentament jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b’ohra;

II. Gab jew ta, jew ikkaguna jew gieghel jew xjentament halla illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kien jaf li kien falz, f’haga materjali jew;

III. Bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcieva il-hlas, xi bidla fic-cirkustanzi li ghandha jew tista’ jkollha konsegwenza materjali fuq ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 117 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4) Taht l-Att dwar is-Servizzi ta’ l-Impjieg u Tahrig:

I. Ta xi taghrif li jkun jaf li huwa falz f’xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtah ta xi taghrif li jkun falz f’xi punt importanti jew;

II. Bil-hsieb li jinganna pproduca, ta, bghat jew xort’ohra ghamel uzu minn xi dokument li jkun falz f’xi punt importanti;

III. Ghax irid, irrifjuta li jaghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghal-kariga tieghu) ma setghax, xi taghrif importanti, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.9 343 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat, ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 553 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza b’assorbiment ai fini ta’ piena ta’ l-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu u wara li rat l-Artikoli 188, 308, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 117 tal-Kap.318 tal-ligijiet ta’ Malta, Artikolu 48 tal-Kap.343 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fatt li l-imputat hadem biss 4 granet tax-xoghol waqt li kien jippercepixxi s-servizzi socjali minghand il-Gvern u hallas il-pendenzi kollha (57.67 Euro) fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------